

## MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0120/06

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Pervenche Berès, Wolf Klinz, Enrique Barón Crespo, Monica Frassoni, Magda Kósáné Kovács, Louis Grech, Adeline Hazan, Alain Lipietz, Antolín Sánchez Presedo, Benoît Hamon, Rosa Miguélez Ramos, Bernard Poignant, Donata Gottardi, Catherine Trautmann, Giovanni Pittella, Henri Weber, Inés Ayala Sender, Jean Cottigny, Jean-Luc Bennahmias, Marc Tarabella, Jean-Paul Gauzès, Kader Arif, Marie-Arlette Carlotti, Martine Roure, Nicola Zingaretti, Yannick Vaugrenard, Harlem Désir, Gilles Savary, Guy Bono, Janelly Fourtou, Rosa Díez González, Michel Rocard, Marie-Line Reynaud, Bernadette Vergnaud, Béatrice Patrie, Catherine Guy-Quint, Pierre Moscovici, Jean-Claude Fruteau u Csaba Tabajdi

lill-Kummissjoni

Suġġett: Impatti ta' l-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar it-Titoli

Wara l-pubblikkazzjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, ta' l-Evalwazzjoni Legali tagħha, il-Kunsill bħalissa jinsab fil-proċess fejn jiddeċiedi jekk l-Unjoni Ewropea għandhiex tiddeċiedi jew le l-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar is-Sigurtajiet. Billi l-Konvenzjoni hija ta' importanza princiċiali għall-Investituri Ewropej u għall-parteċipanti tas-suq, il-Parlament Ewropew iqis li hu nnifsu mhux assoċjat biżżejjed mad-dibattitu fuq din id-deċiżjoni.

Il-Parlament Ewropew, dwar din il-kwistjoni, għandu għan wieħed princiċiali: li l-effiċjenza u cċarezza tar-regola Ewropea kurrenti relativa għall-konflitt tal-liġi dwar investimenti f'titoli jistgħu jkunu prott. I-

Tassew, il-proċess ta' kodeċiżjoni, fis-snin riċenti, irnexxielu joħloq regola waħda magħquda tal-konflitt tal-liġi għall-Ewropa, li tiddetermina l-liġi applikabbli bħala l-liġi ta' l-Istat Membru fejn ikunu allokati il-kont. Il-parteċipanti tas-suq, l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, kollha jagħrfu li l-formula 'lok tal-kont' tapplika fis-suq intern b'effiċjenza.

Li wieħed ma jirrikonoxx il-validità ta' regola bażika bħal din u jsostni li tkun issostitwita mill-partijiet li għandhom sehem f' kont ta' titoli b'għażla ħielsa ta' liġijiet applikabbli żgur li se jifta il-'kaxxa ta' Pandora' ta' l-għażla ħielsa tal-liġi applikabbli għal kontijiet tal-flus kontanti wkoll. Barra minn hekk, filwaqt li xi pajiż huwa mitlub li jimplimenta leġiżlazzjoni aktar u aktar stretta li għandha x'taqsam mal-ħasil tal-flus, abbużi tas-suq, trasparenza, kontroll korporattiv, l-istabbiliment ta' regola dwar l-allegata impossibilità li jkunu allokati kontijiet ta' titoli tista' tkun kważi meqjusa bħala kemmxjejn provokattiva.

- Il-Kummissjoni Ewropea tħaddan l-istess objettiv tal-Parlament li jipprova jħares għal kollo l-applikazzjoni tal-formula tal-'lok tal-kont'?
- Qabel ma tieħu xi impenn għall-UE dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni Ewropea ippruvat, fil-fatt, issib xi mezz biex tkompli tapplika l-formula tal-'lok tal-kont' għall-kontijiet Ewropej filwaqt li tirriżerva l-għażla ħielsa tal-liġi applikabbli tal-Konvenzjoni għall-kontijiet miż-żmura barra l-UE?
- Tista' l-Kummissjoni Ewropea tispjega kif kienet tista' timpenja lill-UE għall-iffirmar tal-Konvenzjoni mingħajr ma tkun wettqet minn qabel evalwazzjoni vera ta' l-impatt Ekonomiku u Kummerċjali tiegħu?

Imressqa: 16.10.2006

Mibgħuta: 18.10.2006

Skadenz: 25.10.2006

635568.MT

PE 348.360